# Għadd tan-Nomi

Kwantità

- Singular
- Għadd Imtenni
- Plural

# Singular

Farrad Waħdieni

(wieħed waħdu)

eż. ġebla, ħobża

Kollettiv

(grupp)

eż. ġebel, ħobż

# Kollettiv

grupp

grupp ta' xi ħaġa
eż. merħla, mazz,
bukkett, riġment.

ammont ta' oġġett
partikolari: eż. suf
ħajt, ħobż, ġebel.

# Għadd Imtenni

juri tnejn jew par

- inżidu ejn / ajn mas-singular

eż. id – idejn, riġel – riġlejn, sieq – saqajn

- Jekk il-kelma fis-singular tispiċċa bl-a ħafna drabi taqa' u tiżdied t-t marbuta eż. kelma - kelmtejn, mija - mitejn, darba - darbtejn.

# Plural



# Sħiħ

- inżidu xi suffissi (ittri fuq wara) mas-singular (iet, ijiet, an, ien, at, i, in, s, a).

eż. lewża – lewżiet, siġġu – siġġijiet, qiegħ – qigħan, wied – widien, tuffieħa – tuffiħat, ittra – ittri, qaddis – qaddisin, wejter – wejters, ħaddiem - ħaddiema

# Miksur

- mhux inżidu ittri imma nirranġaw il-kelma li tkun fis-singular.

eż. kelb – klieb, mejda – mwejjed, ktieb – kotba, ħabib - ħbieb, tieqa – twieqi.

# Tal-Plural

↓

- juri kwantijiet kbar.

eż. darba – drabi – drabijiet

elf – eluf – elufijiet

tarf – truf - trufijiet